

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Ipproċessar Onlajn Ta' Każijiet U Komunikazzjoni Elettronika Mal-qrati](#) > [Austria](#)

Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Iva, il-proċedimenti tal-qorti jistgħu jinfetħu online permezz tal-pjattaforma tal-Ġustizzja Elettronika tal-Awstrija (*Elektronischer Rechtsverkehr, ERV*). Madankollu, din teħtieġ reġistrazzjoni ma' wieħed mid-diversi punti ċentrali ta' koordinament possibbli, li jgħaddu l-input lis-sistema ġudizzjarja. Ir-reġistrazzjoni mhijiex b'xejn. Hemm tariffa bażika ta' madwar EUR 20.00 fix-xahar, kif ukoll tariffa ta' madwar EUR 0.30 għal kull upload. FI-Awstrija, ittra reġistrata tiswa madwar EUR 3.00.

Servizz ta' upload b'xejn billi tintuża karta taċ-ċittadin (ID Austria) huwa disponibbli wkoll għas-sottomissjoni elettronika. Madankollu, għall-kuntrarju tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika, dan jipprovdi servizz f'direzzjoni waħda biss.

2 Jekk proċedura b'hal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

Il-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika tippermetti l-komunikazzjoni online bejn il-qrati u l-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi, minn naħa, u l-partijiet, min-naħa l-oħra, bl-istess mod hekk kif isir f'forma stampata. Tista' tintuża għal kull tip ta' proċedimenti. Ma hemm l-ebda proċediment li dejjem irid jinbda online.

3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?

Is-servizz huwa disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?

Ir-raġunijiet għat-talba u d-*data* proċedurali kollha meħtieġa għat-talba jridu jiġu uploaded fi struttura XML predefinita (jew b'hal PDF mehmuż ma' din l-istruttura). Bl-istabbiliment tas-servizz ta' ħin ta' *datajustizbox* f'nofs l-2023, issa huma appoġġati wkoll formats tal-fajls oħrajn (eż. għat-trażmissjoni ta' fajls awdjo u vidjo).

5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?

It-trażmissjoni tad-*data* permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika ssir b'mod sigur permezz tal-protokoll https. Jintużaw ċertifikati sabiex jiġu awtentikati l-partijiet kollha involuti. Il-komunikazzjoni bejn is-

servers hija bbażata fuq ċertifikati wkoll. Il-ħtieġa li l-utenti jirreġistraw ma' punt ta' aċċess (ara l-punt 1 aktar 'il fuq) tipprovdi sigurtà addizzjonali.

6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?

Ara l-punt 5 aktar 'il fuq (ċertifikati). Ma humiex meħtieġa firem elettroniċi. Servizz ta' kronogramma ċentrali huwa disponibbli għall-entrati fir-reġistru tal-artijiet biss, u jikkonferma r-riċevuta ta' sottomissjoni valida.

7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?

It-tariffi tal-qorti għall-uploads online jitħallsu b'debitu dirett. Bħala regola ġenerali, it-tariffi għall-bidu ta' proċedimenti online huma l-istess bħal dawk għal proċedimenti mibdijin f'forma stampata. F'ċerti każijiet, hemm skont għas-sottomissjoni elettronika.

8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbew permezz tal-internet?

Ma hemm l-ebda differenza bejn varjanti online u offline. Ir-regoli tal-liġi tal-proċedura ċivili japplikaw bl-istess mod għall-proċedimenti mwettqin permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika. Anki jekk ma jkunux ġew ippreżentati online, it-talbiet jistgħu jiġu rtirati online.

9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?

Iva, jista' jintuża l-internet għad-difiża ta' talbiet, għall-preżentazzjoni ta' appelli, eċċ. L-użu tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika ġeneralment ma huwiex obligatorju; madankollu, l-avukati, in-nutara, il-banek, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni, il-fondi tas-sigurtà soċjali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Finanzjarju (*Finanzprokuratur*) u l-assoċjazzjonijiet tal-avukatura jridu jużaw il-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika.

L-esperti u l-interpreti huma meħtieġa jużaw il-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika f'ċerti kundizzjonijiet.

10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?

Ir-regoli tal-liġi tal-proċedura ċivili japplikaw bl-istess mod għall-proċedimenti mwettqin permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika.

11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?

Ir-regoli tal-liġi tal-proċedura ċivili japplikaw bl-istess mod għall-proċedimenti mwettqin permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika.

12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettronicu u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema

kundizzjonijiet jista' jsir?

Iva, it-tipi kollha ta' dokumenti jistgħu jiġu ppreżentati lill-qrati permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika. Atti oriġinali jistgħu jiġu ppreżentati b'mod elettroniku wkoll fi proċedimenti tar-reġistru tal-artijiet u tar-reġistru tal-kumpaniji.

13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?

Iva, permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika.

14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?

Iva, permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika.

15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?

Iva, permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika.

16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?

Iva, permezz tal-pjattaforma Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika.

17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?

Iva, il-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jispezzjonaw ir-reġistru tal-każijiet fil-proċedimenti ċivili u ta' eżekuzzjoni kollha online permezz tal-punti ċentrali ta' koordinament, iżda għall-każijiet tagħhom biss. Id-drittijiet ta' spezzjoni jiġu vverifikati permezz ta' kodiċi ta' indirizz uniku allokat lil kull persuna bi drittijiet ta' spezzjoni.

■ L-aħħar aġġornament: 29/10/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.